Australian Government

COVID-19 VACCINATION

# Tħejjija għall-vaċċinazzjoni COVID-19

L-aħħar aġġornat: 30 ta' Lulju 2021

## Kun żgur li d-dettalji dwarek huma korretti

Waqt li tistenna l-appuntament tiegħek, hemm xi affarijiet li tista' tagħmel issa biex tkun lest.

Kun żgur li d-dettalji tiegħek dwarek huma aġġornati ma' Medicare, jekk int eliġibbli (kun af li int xorta waħda tista tingħata vaċċin COVID-19, jekk m'intix eliġibbli għall-Medicare. Tista' tagħmel permezz tal-:

- Kont onlajn tal-Medicare permezz ta' MyGov
- l-app Express Plus Medicare.
- Ċempel il-programm Medicare.

Jekk m'għandekx il-kont tiegħek ssettjat, tista ':

- Tirreġistra mal-Medicare, jekk m'intix diġà rreġistrat.
- Tiftaħ il-kont onlajn tiegħek tal-Medicare, jekk int irreġistrat f'Medicare, imma m'għandekx Medicare illinkjat ma' MyGov.
- Ikseb Identifikatur Individwali tas-Saħħa (IHI), jekk m'intix eliġibbli għall-Medicare.

Ladarba tkun ħadt il-vaċċin tiegħek, tkun tista' tirċievi stejtment tar-rekord tal-immunizzazzjoni biex ikollok provi tal-istat tal-vaċċinazzjoni tiegħek. Tista' ssib kif tikseb l-istejtment tar-rekord tiegħek tal-immunizzazzjoni fuq il-websajt ta' Services Australia (Servizzi Awstralja).

## Tipprepara għall-appuntament tiegħek

Hemm provvista limitata ta' vaċċini COVID-19 fl-Awstralja u globalment. Dan ifisser, persuni li għandhom l-ogħla riskju ta' COVID-19 sever u/jew esponiment għall-virus ser jirċievu l-vaċċin l-ewwel. Nies oħra ser jirċievu vaċċin maż-żmien. Sib min se jingħata prijorità għall-vaċċinazzjoni billi żżur www.health.gov.au/covid19-vaccines. Tista' ċċekkja biex tara jekk tistax tibbukkja għall-tilqima tal-COVID-19 billi żżur https://covid-vaccine.healthdirect.gov.au/.

M' **għandekx** tattendi appuntament ta' vaċċinazzjoni kontra l-COVID-19 jekk inti:

- ma tiflaħx bid-deni, sogħla, imnieħer inixxi jew sintomi oħra li jista' jirriżultaw minn COVID-19
- qed tistenna r-riżultati tat-test COVID-19
- ittestjat pożittiv għall-COVID-19 u int iżolat
- tinsab fil-kwarantina
- f'kuntatt mill-qrib ta' xi ħadd b'COVID-19.

Jekk tinsab f’xi waħda mill-kategoriji ta' hawn fuq, iċċekkja mal-fornitur tiegħek tal-immunizzazzjoni. Int għandek mnejn ikollok bżonn terġa’ tiskeda l-appuntament tiegħek għall-vaċċinazzjoni. Il-vaċċini COVID-19 mhumiex effettivi fil-kura ta' COVID-19.

Jekk kellek vaċċin ieħor fis-7 ijiem qabel l-appuntament tiegħek tal-vaċċin COVID-19, għid lill-fornitur tiegħek tal-immunizzazzjoni. Il-fornitur tiegħek tal-immunizzazzjoni jista' jitolbok terġa' tiskeda l-appuntament tiegħek.

M'għandekx bżonn tittestja għal COVID-19 qabel il-vaċċinazzjoni jekk m'għandekx deni jew xi sintomi respiratorji.

## Ippjana minn qabel għal żewġ dożi

Huwa importanti li tirċievi żewġ dożi tal-vaċċin tiegħek ta' COVID-19. Għandu jkum hemm mill-inqas tliet ġimgħat bejn iż-żewġ dożi jekk tieħu l-vaċċin COVID-19 Pfizer [Comirnaty]. Għandu jkun hemm madwar 12-il ġimgħa bejn iż-żewġ dożi jekk int tirċievi l-Vaċċin COVID-19 AstraZeneca. It-tqassir tal-intervall minn 12-il ġimgħa għal anqas minn 4 ġimgħat bejn id-dożi jista' jgħodd f’xi ċerti ċirkustanzi. L-aqwa protezzjoni kontra l-COVID-19 mhux ser isseħħ qabel madwar minn ġimgħa sa ġimagħtejn wara t-tieni doża.

## X'għandek tistenna fl-appuntament tal-vaċċinazzjoni tiegħek

Għandek iġġib dan li ġej għall-appuntament tiegħek tal-vaċċinazzjoni COVID-19:

- id tar-ritratti, jekk għandek wieħed
- kard tal-Medicare, jekk għandek waħda
- id tal-impjegat, jekk qed tieħu vaċċin COVID-19 minħabba l-impjieg tiegħek.
- informazzjoni dwar kwalunkwe kundizzjonijiet mediċi tiegħek, allerġiji, disturbi ta' fsada jew immunokompromess (jiġifieri sistema immuni mdgħajfa)
- informazzjoni dwar xi mediċini li qed tieħu
- informazzjoni dwar kwalunkwe vaċċin preċedenti COVID-19 li rċevejt (marka (brand) tal-vaċċin u data tal-vaċċinazzjoni)
- informazzjoni dwar kwalunkwe reazzjoni li kellek għal xi vaċċin fil-passat
- l-isem tat-tabib/tobba tal-familja (GP/s) attwali tiegħek u kwalunkwe speċjalist mediku li tara
- maskra tal-wiċċ (jekk meħtieġ mill-istat/territorju tiegħek).

Fl-appuntament tiegħek, tkun tista' tiddiskuti kwalunkwe mistoqsija li għandek dwar il-vaċċinazzjoni COVID-19 mal-fornitur tiegħek tal-immunizzazzjoni.

Għid lill-fornitur tiegħek tal-immunizzazzjoni jekk int għandek inqas minn 60 sena, jekk għandek xi kundizzjonijiet mediċi jew jekk qed tieħu xi mediċini. B’mod partikulari kun żgur li tgħidilhom jekk int:

- kellek reazzjoni allerġika għal xi doża li ngħatajt qabel tal-vaċċin COVID19 jew għal xi ingredjent tal-vaċċin
- kellek anafilassi (reazzjoni severa allerġika) għal vaċċin jew mediċini oħra
- avveniment serju ieħor li wara r-reviżjoni tal-espert ġie attribwit lil doża preċidenti tal-vaċċin COVID-19
- għandek passat mastoċitożi kkonfirmata b’anafilassi rikorrenti li għandha bżonn il-kura
- li ġejt xi darba ddijanjostikat b’sindrom tat-tqattir kapillari
- li xi darba kellek trombożi venuża u jew arterjali maġġuri flimkien ma’ tromboċitopenija, inkluż Sindrom Tromboċitopeniku Trombotiku (TTS) iddijanjostikat wara doża preċedenti tal-vaċċin COVID-19
- għandek passat ta’ tromboċitopenija induċat mill-eparina (HIT), trombożi sinuża venuża ċentrali (CVST), tagħqid tad-demm fil-vini addominali (vini splankniċi) jew sindrom antifosfolipidu assoċjat mat-tagħqid tad-demm

- kellek mijokardite u/jew perkardite
- għandek jew kellek dan l-aħħar deni rewmatiku akut jew endokardite
- għandek mard konġenitali tal-qalb
- għandek kardjomijopatija dilatata (għal nies ta' taħt it-30 sena)
- għandek falliment sever tal-qalb
- int irċevejt trapjant tal-qalb
- kellek disturb ta' fsada jew qed tirċievu terapija antikoagulanti (iraqqaq id-demm)
- int tqila
- int immunokompromess (jiġifieri għandek sistema immunitarja mdgħajfa jew qed tieħu medikazzjoni li tissoprima s-sistema immunitarja)
- imbokkajt COVID-19 fil-passat jew għadek tbati min xi marda minn COVID-19
- irċevejt vaċċin ieħor COVID-19 (u ta' liema marka (brand))
- irċevejt xi vaċċin fl-aħħar 7 ijiem

F'xi ċirkostanzi, jista' jkun aħjar li tiddiskuti mal-fornitur tiegħek tal-kura tas-saħħa dwar il-vaċċinazzjoni qabel ma tagħmel appuntament għall-vaċċinazzjoni. Tista' wkoll taqra l-Informazzjoni dwar il-vaċċin speċifiku li qed tirċievi:

- *Tagħrif dwar il-vaċċin COVID-19 Pfizer (Comirnaty), jew*
- *Tagħrif dwar il-Vaċċin COVID-19 AstraZeneca*

## Kif ser tirċievi l-vaċċin

Inti ser tirċievi l-vaċċin bħala injezzjoni, l-aktar sit komuni ikun fil-muskolu tal-parti ta' fuq tad-driegħek. Għandek tibqa' fil-klinika tal-vaċċinazzjoni għall-osservazzjoni għal mill-inqas 15-il minuta wara l-vaċċinazzjoni. Tista' tintalab tistenna fil-klinika għal 30 minuta u dan jiddependi mill-passat mediku tiegħek.

## Kif tintuża l-informazzjoni li tipprovdi fl-appuntament tiegħek?

Għal informazzjoni dwar kif id-dettalji personali dwarek jinġabru, jinħażnu u jintużaw żur https://www.health.gov.au/using-our-websites/privacy/privacy-notice-for-covid-19-vaccinations